MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2006

Numru 16/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Antonio Falzon**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-22 ta' Ottubru 2002 kontra l-imsemmi Antonio Falzon li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah (1) b'tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u

ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; u (2) li fil-hin li ghamel delitt kontra persuna kellu fuq il-pesuna tieghu arma tan-nar u arma regolari;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Novembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' voti favur u b'zewg voti kontra sabu lill-appellant (allura akkuzat) hati ta' l-akkuza taht l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza kif ukoll sabuh unanimament hati tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza, iddikjarat lill-appellant hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, u cioe` talli fil-5 ta' April 2002, ghall-habta tal-11.45 a.m. hdejn ix-Shopwise Supermarket, Qormi, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dan skond l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza, kif ukoll iddikjarat lill-appellant hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari, u dan skond it-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza, u kkundannatu ghal piena ta' **hmistax-il sena prigunerija** li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; ordnat il-konfiska ta' l-arma u l-munizzjoni esibiti, u ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez kollha tal-perizji f'din il-kawza ammontanti ghal Lm659.31 fi zmien gimgha mid-data tas-sentenza appellata u, fin-nuqqas ta' tali hlas, dak l-ammont jigi konvertit fi tliet xhur prigunerija ohra skond il-ligi, u dan wara li dik il-Qorti kienet semghet it-trattazzjoni dwar il-piena, rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant u kkunsidrat is-segwenti:

**“Qieset li l-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li minkejja dak li hemm fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza l-piena minima hija ta’ seba’ snin prigunerija w dik massima ta’ tletin sena w li r-reat taht it-Tieni Kap serva bhala mezz ghal fini biex jigi kommess ir-reat taht l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Qieset mill-banda l-wahda il-verdett dwar it-tentattiv t'omicidju intlahaq b'seba' voti kontra tnejn u li r-reat taht it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza ghandu jitqies ghall-fini tal-konkors tal-pieni li serva bhala mezz ghal fini biex jista' jigi kommess ir-reat taht l-Ewwel Kap;**

**Qieset ukoll iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan ir-reat;**

**Qieset li mill-fedina penali tal-hati ma jidhirx li hu xi persuna ta' kondotta kriminali w li mill-1974 sas-sena 2001 kien instab hati biss ta' serje ta' kontravvenzjonijiet x'aktarx relatati max-xoghol tieghu;**

**Qieset ukoll dak li qalet id-difiza li dan kollu gara sforz kemm ma riedx jinfired minn mal-familja tieghu w li kien persuna biezel u ddedikat ghax-xoghol u li hu diga` sofra l-piena tat-telf tal-familja tieghu;**

**Mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-reat kommess mill-hati kien wiehed mill-aktar serji fl-"ispectrum" tar-reati domestici li l-Qrati huma msejha minn zmien ghal zmien biex jiddeciedu dwarhom. Pero` iktar minn dan jidher – kuntrarjament ghal dak li ssottometiet id-difiza – li dan ma kienx zball uniku ghaliex il-hati kkommetta dan ir-reat minkejja li ghal darbtejn minn Ottubru 2001 il-quddiem kien gie misjub hati b'sentenzi differenti tal-Qrati tal-Magistrati, u dan in konnessjoni ma incidenti li hu kellu ma' martu w/jew uliedu w persuni ohra;**

**Sussegwentement ghall-kommissjoni tar-reat mertu ta' din il-kawza gie sentenzjat ukoll fuq akkuzi simili ohra kommessi qabel u anki wara dan il-kaz;**

**Hekk fit-2 t'Ottubru 2001 hu kien instab hati talli fit-30 t'Awissu 2001 kien ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Lourdes Falzon, li hebb kontra l-istess martu, li kellu sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w talli hedded lil ibnu w persuna ohra w kiser il-buon ordni w l-paci pubblika w**

**ikkommetta ragjon fattasi kontra bintu Lorraine Falzon, u l-Qorti tal-Magistrati kienet sahansitra rabtitu b'garanzija li ma jergax jimmolesta lil martu w lil uliedu ghal zmien sena, garanzija li huwa kiser ripetutament u senjatament meta kkommetta d-delitti mertu ta' din il-kawza;**

**Fis-26 ta' Frar, 2002 kien instab hati talli fl-20 ta' Novembru, 2001, kien kiser il-paci pubblika, insolenta, hedded u hebb ghal ibnu Jason Falzon sabiex idejjqu w jaghmillu hsara;**

**Fl-24 ta' Jannar, 2003 il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta' Lulju, 2002 w ikkonfermat il-htija tieghu talli fit-18 ta' Settembru, 2001 u dati ohra immalafama lil ibnu Jason Falzon u heddu, kiser il-buon ordni u hebb ghall-istess Jason Falzon u insolenta w hedded lil Lourdes Falzon u wehel ghoxrin (20) gurnata detenzjoni minflok xahar detenzjoni;**

**U fis-16 ta' Settembru, 2003 kien ukoll instab hati mill-Qrati tal-Magistrati talli fl-20 ta' Settembru, 2002 jigifieri waqt li kien taht arrest in konnessjoni ma' dan id-delitt, fil-Belt, Valletta, insolenta, hedded u hebb ghal martu w persuna ohra w ikkagunalhom feriti apparti li qal kliem oxxen u dagha u kiser il-paci pubblika;**

**Illi minn dan jidher li l-hati mhux biss meta kkommetta dan ir-reat ma tax kaz ta' zewg sentenzi li gja` kellu mill-Qorti u sahansitra kiser il-garanzija li kienet imposta fuqu biex ma jimmolestax lil martu, imma addirittura waqt li ghaddejja din il-kawza rega' kkommetta reati simili;**

**Din il-Qorti ma tistax hlief tqis dan l-agir bhala sfida ghall-ordinament guridiku da parti tal-hati kif del resto issottomettiet il-Prosekuzzjoni;**

**Qieset f'dan il-kaz ukoll li l-vittma ser tibqa' tbati minn debbulizza permanenti fis-sahha w fil-funzjoni ta'**

**ghonqha kif ukoll minn konsegwenzi ohra fizici u psikologici;**

**Qieset ukoll pieni moghtija minn dawn il-Qrati f'reati simili kommessi b'armi;**

**Rat l-Artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 17 (h), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 26(a), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-armi (Kap. 66)".**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Antonio Falzon ipprezentat fis-17 ta' Dicembru 2003 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu s-sejbien ta' htija taht it-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza izda tirrevokaha kwantu ghas-sejbien ta' htija taht l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza billi minflok issib lill-appellant hati ta' xi wahda mill-akkuzi hawn imsemmija fl-ordni li gejja, u cioe`, jew ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Lourdes Falzon li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew li gabet difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem, b'dan li dan id-delitt hu skuzabbli ghax sar mill-appellant fil-waqt li kien taht agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu; jew tad-delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Lourdes Falzon li kkagunatilha debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew li gabet difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem taghha; jew ta' tentattiv ta' omicidju volontarju ta' Lourdes Falzon li sar waqt li l-appellant kien taht agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu; jew ghal kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza, li kien hemm irregolaritajiet u applikazzjoni skorretta tal-ligi fil-kors tal-

guri, u inoltre li kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet kellha influwenza fuq il-verdett tal-gurija. Qabel ma jispjega fid-dettall dawn l-aggravji, pero`, jaghmel numru ta' premessi li huwa opportun li jigu hawn riprodotti:

"a. Id-Difisa mill-bidu nett, fil-presenza tal-gurija, ammettiet it-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza.

b. Id-Difisa mill-bidu nett fil-kors tal-guri ivverbalizzat quddiem il-gurija, illi hija ma kinitx qed tikkontesta l-fatt illi l-esponenti spara t-tiri bl-arma esebita fil-process.

c. Id-Difisa ghamlet cara l-posizzjoni taghha minn zmien bikri tal-process u cioe`, illi hija kienet qed tikkontesta l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza fis-sens illi kienet qed tikkontendi li l-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju ma hiex pruvata fil-grad li trid il-ligi. Id-Difisa ssottomettiet illi l-kaz kien iwassal ghall-offiza gravi fuq il-persuna li gabet debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni tal-parti ta' l-ghonq ta' Lourdes Falzon.

d. Id-Difisa wkoll ghamlet il-posizzjoni cara fil-kors tal-guri illi hija kienet qed tavvanza argomenti sabiex turi illi fil-waqt li l-esponenti spara t-tiri in kwistjoni, hu kien f'agitazzjoni tal-mohh illi minhabba f'hekk ma kienx qieghed iqis l-eghmil tieghu."

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant:

**"Irregolaritajiet jew Applikazzjoni Zbaljata tal-Ligi fil-kors tal-Guri"**

Taht dan l-aggravju l-appellant ghandu numru ta' lmenti. Izda qabel xejn jigi premess illi fost id-doveri tal-Qorti waqt il-guri, hemm dawk li zzomm il-bon-ordni tas-seduta, li triegi s-smigh tal-kawza u li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita`, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita` (art. 436(3) tal-Kodici Kriminali).

Dwar il-kondotta ta' l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi guri, Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid[1]:

**“The English criminal trial is adversarial, which means that the parties determine the evidence to be called and the manner and timing of its presentation. The self-interest of the parties, so the theory goes, will ensure that all issues of law and fact are thoroughly aired. If taken to its logical conclusion this principle reduces the role of the judge to that of an umpire – someone whose job it is to see that the rules are obeyed but who takes no direct part. But theory and practice do not entirely coalesce and criminal judges are not, as the Supreme Court of Canada once put it, ‘sphinx judges’. A trial is more than a contest between two parties. There is a public interest in seeing that justice is done and since the parties may be unevenly matched the judge may have to involve himself in the trial to ensure that the truth emerges. So long as he acts fairly and preserves an appearance of impartiality he will not be criticized for taking a relatively active stance.**

**One of the ways in which the judge may participate in the trial is by questioning witnesses. This is an example *par excellence* of the exercise of discretion during a criminal trial … in *R. v. Evans* Lord Justice Scarman affirmed that although ‘our system is accusatorial and it is not the part of a Judge to run the case for the Crown or to run the case for the defence but to keep himself apart from the arena in which battle is joined, yet he does have a duty to ensure that justice is done and, if he thinks that justice requires him to put questions, then he has the right and the duty to intervene.”**

U f’**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001, para. 7-81, pagna 930 u 931**, naqraw:

[1] F’pagna 98.

**"Interventions by the judge during a trial will lead to the quashing of a conviction: (a) when they have invited the jury to disbelieve the evidence for the defence in such strong terms that the mischief cannot be cured by the common formula in the summing up that the facts are for the jury, and that they may disregard anything said on the facts by the judge with which they do not agree; (b) when they have made it impossible for defending counsel to do his duty; (c) when they have effectively prevented the defendant or a witness for the defence from telling his story in his own way: *R. v. Hulusi and Purvis*, 58 Cr.App.R. 378, CA; see also *R. v. Frixou* [1988] Crim.L.R. 352, CA, and *R. v. Roncoli* [1998] Crim.L.R. 584, CA.... In *R. v. Matthews and Matthews*, 78 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal said that in considering the effect of interventions made by the trial judge the critical aspect of the investigation was the quality of the interventions as they related to the attitude of the judge as might be observed by the jury and the effect that the interventions had either on the orderly, proper and lucid deployment of the defendant's case by his advocate or on the efficiency of the attack to be made on the defendant's behalf on vital prosecution witnesses by cross-examination administered by his advocate on his behalf. Ultimately the question was: might the case for the defendant as presented to the jury over the trial as a whole, including the adducing and testing of evidence, the submissions of counsel and the summing up of the judge, be such that the jury's verdict might be unsafe?"**

L-ilmenti kif rizultanti mir-rikors ta’ appell huma s-segwenti u jridu jigu kkunsidrati fid-dawl tal-brani suriportati.

“A. Mid-data li fiha mart l-esponenti Lourdes Falzon telqet mid-dar konjugali, sad-data li fih sehh dan l-incident mertu ta’ l-ewwel kap ta l-att tal-akkuza, l-istess Lourdes u wliedha kienu ghamlu diversi rapporti f’diversi ghases tal-Pulizija. Id-Difisa qajmet punt ta’ dritt fil-kors tal-guri u fl-assenza tal-gurati, fis-sens illi dawn ir-rapporti m’ghandhomx jithallew jigu a konjizzjoni tal-gurati, stante

illi kienu ser joholqu pregudizzju inutili u ma kellhomx strettament x'jaqsmu mal-kaz, partikolarment fil-kazijiet fejn it-tfal kienu ghamlu certi rapporti. Id-Difisa hawnhekk taghmel riferenza ghat-trattazzjoni orali taghha f'dan ir-rigward. L-ewwel Qorti cahdet it-talba tad-Difisa u halliet lill-prosekuzzjoni tipproduci sensiela ta' xhieda, ilkoll Pulizija sabiex jixhdu dwar dawn ir-rapporti. Il-Qorti, fid-digriet taghha irristringiet din ix-xhieda fis-sens illi dawn kienu prekluzi milli jiddeponu dwar x'passi ittiehdu kontra l-esponenti u x'kien l-ezitu tal-istess, in segwitu ghal tali rapporti. Fl-umli fehma tal-esponenti, il-mod kif il-Qorti ddecidiet dan il-punt, irreka dannu ferm aktar kbir milli kieku l-gurati saru jafu l-fatti kollha. Il-gurati thallew jirruminaw fil-hsibijiet u immaginazzjonijiet taghhom. Thallew jaraw stampa wahda biss tar-rapporti u f'certi kazijiet ma gewx a konjizzjoni ta' 'follow up'. Il-Qorti halliet sitwazzjoni fejn il-gurija bdiet tara l-kruha fl-akkuzat u t-tajjeb fil-mara tieghu; qiesha wahda anglu u l-iehor dimonju. Il-gurati gew a konjizzjoni ta' fatti, biex skond il-Qorti wiehed juri u jimxi skond il-principju ta' xi allegat 'system of conduct', thallew ikunu jafu dwar rapporti tat-tfal li ma ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz b'hekk li poggew lill-esponenti 'in a bad light'. Dan, bir-rispett, u fl-umli fehma tal-esponenti, serva biss biex jinholqu pregudizzji fil-konfront tieghu, pregudizzji illi dalmu ghal kollox l-gudizzju seren tal-gurija dwar l-istat mentali tal-esponenti matul iz-zmien u fil-mument tal-kummissjoni tar-reat."

Din il-kwistjoni giet ventilata sew quddiem l-ewwel Qorti li tat digriet ben motivat fis-17 ta' Novembru 2003. Fid-digriet taghha l-ewwel Qorti, wara li ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Angel sive Angelo Bajada** tal-11 ta' Ottbru 1985, qalet hekk:

**"Illi kif gustament sostna l-abbli prosekutur l-unika oggezzjoni li tista' titqajjem f'dan l-istadju ghal produzzjoni ta' xi xhud jew dokument hija dik bazata fuq ir-rilevanza o meno ta' l-istess prova u dana ghaliex l-istadju ta' eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` ta' provi issa huwa sorpassat.**

**Illi gie dejjem ritenut illi jekk prova hix rilevanti tithalla esklussivament f'idejn l-Imhallef li jkun qed jipprejsedi l-guri li jiddeciedi skond il-kaz fuq kull kwistjoni partikolari li tigi solevata.**

**Ghalhekk din il-Qorti ser tirriserva li tipprovdi 'ad hoc' fil-kaz ta' kull xhud jew dokument li l-prosekuzzjoni jidhrilha li ghandha tressaq.**

**Il-Qorti pero` tixtieq f'dan l-istadju telenka l-punti segwenti li ghandhom iservu bhala gwida lill-prosekuzzjoni u d-difiza in linea generali.**

**1. Il-Qorti, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, tqis li fil-kaz prezenti l-incidenti li seta' kien hemm bejn l-akkuzat, martu u uliedu jista' jkollhom rilevanza kemm ghal dak li jirrigwarda 'system of conduct' kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-intenzjoni li seta' kellu l-akkuzat fil-mument ta' l-allegati reati. Ghaldaqstant ma tistax tipprekludi lill-prosekuzzjoni milli tressaq xhieda jew provi fir-rigward;**

**2. Illi l-prosekuzzjoni triq toqghod ferm attenta pero` li bil-provi li tressaq ma jkunx hemm l-icken referenza ghal xi proceduri gudizzjarji ohra, citazzjoni jew komparixxi u 'multo magis' ghal xi sentenza jew decizjoni ohra ta' Qorti fir-rigward;**

**3. Ghal dak li jirrigwarda l-esebizzjoni u/jew ta' okkorrenzi in vista tal-verbal tad-difiza li mhux qed tikkontesta li saru r-rapporti li jistghu jissemmew mix-xhieda eventwali, il-prosekuzzjoni ghandha tirregola ruhha biex kemm jista' jkun il-process ma jigix sovrakarikat bi provi dokumentarji u li jkunu jistghu jaffettwaw it-tieni linja generali appena msemmija;**

**4. Kull dikjarazzjoni tal-akkuzat, maghmula meta maghmula, u ma' kull min giet maghmula li tirrigwarda l-atteggjament tieghu versu Lourdes Falzon biss hija rilevanti kemm bhala evidenza, li tista' tincidi b'mod favur jew kontra l-akkuzat ghal dak**

**li jirrigwarda l-intenzjoni kemm specifika jew generika, kif ukoll fuq il-movent jew premeditazzjoni.**

**Finalment il-Qorti tirriserva li f'kull kaz kemm f'waqt id-deposizzjoni ta' xhieda jew meta jigu biex jigu esebiti dokumenti kif ukoll waqt l-indirizz li tidderigi l-gurati fuq ir-rilevanza o meno fuq l-istess provi."**

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-posizzjoni li hadet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-provi li riedet tressaq il-prosekuzzjoni konsistenti f'rapporti li kienu saru lill-Pulizija mill-familja ta' l-appellant. Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qal Lord Herschell LC f'***Makin v. A-G for New South Wales [1894] AC 57*** – sentenza li ghaliha saret referenza minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza **Regina v. Paul Azzopardi**, 6 ta' Awissu 1974 u citata b'approvazzjoni f'**Ir-Repubblika v. Angel sive Angelo Bajada**, 11 ta' Ottubru 1985:

***"It is undoubtedly not competent for the prosecution to adduce evidence tending to show that the accused has been guilty of criminal acts other than those covered by the indictment, for the purpose of leading to the conclusion that the accused is a person likely from his criminal conduct or character to have committed the offence for which he is being tried. On the other hand, the mere fact that the evidence adduced tends to shew the commission of other crimes does not render it inadmissible if it be relevant to an issue before the jury, and it may be so relevant if it bears upon the question whether the acts alleged to constitute the crime charged in the indictment were designed or accidental, or to rebut a defence which would otherwise be open to the accused."***

Huwa evidenti li l-ewwel Qorti hadet is-salvagwardji mehtiega fir-rigward tal-provi msemmija li riedet tipproduci u li pproduciet il-prosekuzzjoni, u fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien car dwar x'konsiderazzjoni l-gurati setghu jaghtu lil tali rapporti (p. 56 ta' l-indirizz):

**"Issa mbaghad araw, f'dan il-kuntest ta' rapporti, jistax b'xi mod jirrifletti fuq kif svolgiet l-istorja, kemm bhala evidenza li tista' tissorreggi b'xi mod dak li qed jghid l-akkuzat, ta' dan l-agitazzjoni li kellu go fih, u li kienet ilha qed tifforma go fih, fuq certu numru ta' xhur, u allura dan irrifletta fuq il-komportament tieghu, jew inkella l-interpretazzjoni l-ohra li qed taghti l-prosekuzzjoni illi hawn hekk kellek kaz ta' bniedem illi b'rapport wara l-iehor, iwissuh, ma jridx jisma', imur jippersisti, jippersisti, u jaghmel dak li qaltilkom il-prosekuzzjoni.**

**Mela din hija cirkostanza, dawn ir-rapporti, li wiehed irid jarahom u jezaminahom sew, fis-sens, mhux ghall-kontenut taghhom, ghax ir-rapporti setghu kienu veru u setghu ma kinux, kien hemm certi okkazjonijiet fejn veru l-akkuzat instab quddiem id-dar taghhom, veru, il-karrozza veru ntefghet ghal isfel, jaccetta l-istess akkuzat – l-ewwel qalilna marritlu u mbaghad harbitlu, insomma, imbaghad f'xi hin qal fl-istatement qal tefaghha, insomma issa araw intom x'qal ezatt fuqha dik ic-cirkostanza.**

**Pero` araw fil-kontest generali dawn ir-rapporti x'ifissru. Id-difiza siltet certa interpretazzjoni minnhom, il-prosekuzzjoni siltet interpretazzjoni differenti ghal kollox."**

Minn dan kollu ghalhekk difficilment tista' din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-prezentazzjoni tad-diversi rapporti setghet holqot pregudizzji fil-konfront ta' l-appellant, u konsegwentement dan l-ilment huwa michud.

"B. Fil-kors tal-guri, u partikolarment meta kienu qed isiru xi domandi in kontro-ezami (vide kontro-ezami tal-Ispettur D'Anastasi) u/jew xi sottomissjonijiet fil-presenza tal-gurija, il-Qorti esprimiet ruhha illi l-iskuzanti tal-agitazzjoni tal-mohh ma hiex permessa meta jkun hemm tul ta zmien. Ghalkemm id-Difisa gibdet l-attenzjoni tal-Qorti illi din, bir-rispett, ma kinitx il-posizzjoni legali, il-Qorti ma accennatx li d-difisa kellha ragun fuq dan il-punt lill-gurija fil-kors tal-Guri. Di piu`, bir-rispett, dan ma kienx il-

mument waqt il-guri li fiha l-Qorti toqtol ghal kollox l-effett ta’ xi difisa legali u korrettement posta. L-agitazzjoni tal-mohh ma hiex xi stat ta’ emozzjoni li ghandha tkun immedjata; anzi kif jghidu l-awturi ‘pesa col tempo’ u ghandha tigi studjata fl-isfond tal-iter li seta’ wassal ghal tali cirkostanza mentali u psikologika. B’dan il-mod, il-gurija baqghu taht l-impressjoni sa stadju tardiv tal-guri, illi dak li kienet qed tghid id-Difisa ma kienx legalment korrett. Dan hu punt ta’ ligi u l-imhallef sedenti kien diga` qalilhom illi fuq punti ta’ ligi jridu joqoghdu fuqu.”

Din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tat-tape numru 3X u dak li jirrizulta huwa li waqt il-kontro-ezami ta’ l-Ispettur Raymond D’Anastas, ix-xhud gie mistoqsi jekk waqt l-incident li kien inqala’ meta mart l-appellant kienet talbitu Lm8 sabiex tmur taghmel xagharha u rrifjuta li jtihomlha, qallux l-appellant illi dan sehh waqt li huwa kien qieghed jiekol u martu kienet qed taghmel is-sigarett f’wiccu u li hu jdejjquh is-sigaretti. Ix-xhud wiegeb li ma jeskludix li sar dan id-diskors imma ma setax jghid iva jew le. F’dak il-mument l-Imhallef li ppresjeda l-guri intervjena u saru s-segwenti kummenti:

“Imh: Imma dana qed nitkellmu Awissu tas-sena ta’ qabel u l-incident gara f’April, ta.

Dr. GCC: Iva imma peress li ssemmiet mill-prosekuzzjoni li beda jsaqsi dwar …

Imh: Qed nitkellmu tmien xhur qabel.

Dr. GCC: Iva le le

Imh: U iva mexxi.

Dr. GCC: Peress li saret domanda f’dak ir-rigward ma rridx inhalli partijiet hekk minghajr il-parti l-ohra.

Imh: Imma mbaghad trid tara kemm hija rilevanti li disa’ xhur qabel tonfoh f’wicc xi hadd, jekk stess hu l-kaz. Inkomplu.

Dr. EM: Il-kuncett ta’ giusto dolore.

Imh: Il-kuncett?

Dr. EM: Tal-giusto dolore. M’ghandux zmien, Sur Imhallef.

Imh: Imbaghad naraw. Ejja mexxi.

Dr. GCC: Sur Imhallef jien ma xtaqtx nidhol f'dik ta' tmien xhur ilu pero` peress illi dahal fiha l-prosekutur, ghalhekk dhalt fiha."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-intervent tal-Qorti waqt illi kien qieghed jixhed it-tieni xhud tal-prosekuzzjoni f'guri li dam sebat ijiem, ma xejjen bl-ebda mod id-difiza ta' l-agitazzjoni tal-mohh li kienet qed tipprospetta li eventwalment taghmel id-difiza. Tant hu hekk illi sahansitra fl-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega fit-tul it-tezi tad-difiza u fl-ebda waqt ma indika illi l-agitazzjoni tal-mohh ma setghetx tkun gejja minn sensiela ta' avvenimenti li lahqu l-kulmini taghhom fl-incident tal-5 ta' April 2002. Kien car meta qal lill-gurati illi d-difiza prospettata kienet "difiza legali, li tista' ssir u intom tridu tehduha in konsiderazzjoni". Ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi michud.

"C. Fil-kors li kien qed jiddeponi t-tabib Slifka, il-Qorti *sua sponte*, iddecidiet illi tahtru bhala perit ghall-finijiet u l-effetti kollha li trid il-ligi. Il-Qorti staqsiet lill-partijiet, jekk kellhomx oggezzjoni, fatt illi diffikoltament tista' tmerih fil-presenza tal-gurija. Izda l-punt krucjali li fl-umli fehma tal-esponenti u bir-rispett, hu skorrett, kien illi dan l-istess perit gie mitlub jinvista medikament lil Lourdes darbtejn, darba quddiem il-gurija u darba waqt il-'break' fl-assenza tal-partijiet. B'dan id-Difisa ma kellha l-ebda kontroll illi tinvestiga hi l-posizzjoni medika u r-rizultanzi. It-Tabib kien qed joqghod fuq dak li l-pazjenta kienet qed tghidlu u dwar movimenti l-pazjenta kellha bizzejjed esperjenza ta' x'tista' tiddeskrivi u kif tista' ggib ruhha. Dan l-istat ta' fatt kompla jzid doza qawwija ta' simpatija a favur mart l-esponenti, anke ghal mod kif giet soggettata li tohrog fl-awla biex il-gurija tispezzjona l-ferita tal-ghonq u d-driegh. Id-Difisa thoss illi l-prosekuzzjoni kellha titlob illi jsir dan l-ezami qabel, biex b'hekk ikun hemm relazzjoni f'dan is-sens. Il-perit, fil-fatt, qal li ma kellux l-ghodda medika necessarja sabiex jara l-posizzjoni intiera. Di piu`, il-prosekuzzjoni ma talbet ghal ebda hatra ta' xi perit. In ogni caso, anke kieku din il-hatra setghet issir skond is-setghat moghtija lill-Qorti, certa konstatazzjonijiet ma setghux isiru bil-mod informali li saru. Id-difisa tirriserva hawn ukoll illi waqt it-

trattazzjoni orali ta' dan l-appell, taghmel riferenza ghal certi domandi tal-Qorti lix-xhud biex tipprova tasal ghal grad ta gravita` tal-feriti."

Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2003 quddiem l-ewwel Qorti, Dr. Martin Slifka li kien gie prodott bhala xhud mill-prosekuzzjoni, u wara li saru xi sottomissjonijiet mid-difensuri, gie nominat minn dik il-Qorti **"bil-kunsens tal-prosekuzzjoni u d-difiza"** (sottolinear ta' din il-Qorti) sabiex **"jirrispondi u jaghti opinjonijiet anke fuq affarijiet li ma gewx konstatati minnu waqt l-operazzjoni imma li jistghu jkunu rilevanti fl-andament ta' dan il-guri anke ghal xi difiza li jistghu jigu prospettati eventwalment"**.

Ghalkemm huwa certament aktar rakkommandabbli li n-nomina ta' espert jew esperti ssir waqt il-kumpilazzjoni tal-provi u mhux fl-istadju tal-guri, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi l-ewwel Qorti kellha kull dritt u setgha li taghmel in-nomina li ghamlet. Il-paragrafu (c) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 436 tal-Kap. 9 jiddisponi li jmiss lill-Qorti Kriminali **"li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita`, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita`"**. Is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 440 tal-Kodici Kriminali mbaghad jipprovdi testwalment hekk: **"Izda, jekk matul il-kawza jinstab li hu mehtieg jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wiehed ikollu taht ghajnejh dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota minn ebda wahda mill-partijiet, il-qorti tista'** ***ex officio*** **tordna li jissejjah ix-xhud u li tittiehed ix-xiehda tieghu, jew li jingieb id-dokument jew l-oggett mhux imsemmi fin-nota"**. Fil-fatt jirrizulta li ma kien hemm l-ebda tabib iehor li kien se jixhed waqt il-guri, salv it-Tabiba Mary Rose Cassar li kienet xehdet qabel Dr. Martin Slifka u li kienet it-tabiba li kienet ezaminat lil Lourdes Falzon meta ddahhlet fl-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa wara l-incident in kwistjoni. Dr. Slifka, li kien opera lill-imsemmija Lourdes Falzon, kien certament f'pozizzjoni li mhux biss jixhed dwar l-intervent li sar fuq Lourdes Falzon izda kellu wkoll il-kapacita` mehtiega biex jezamina lill-imsemmija Falzon waqt il-guri u jikkummenta

anke dwar dak li seta' josserva minn tali ezami dwar l-offizi minnha mgarrba. Il-gurati mbaghad kellhom kull dritt li ma jaccettawx l-opinjoni ta' Dr. Slifka bhala espert, u dwar dan l-ewwel Qorti kienet cara fl-indirizz taghha. Inoltre d-difiza stess ikkoncediet illi Lourdes Falzon kienet garrbet offiza gravi fuq il-persuna li gabet debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni tal-parti ta' l-ghonq. Ghalhekk dan l-ilment huwa infondat u qed jigi respint.

"D. Il-prosekuzzjoni talbet li jsir access. L-iskop tal-access hu sabiex il-gurati jorjentaw rwiehhom mal-post, b'hekk li jifhmu ahjar dak li kienu iddeponew ix-xhieda. Bir-rispett, li sar f'dan il-kaz hu li l-Qorti ppermettiet li jittiehdu deposizzjonijiet tax-xhieda mill-gdid fuq il-post. B'hekk gew permessi jigru affarijiet li taw stampa aktar ta' dramm li l-gurati setghu ikollhom esperjenzi tieghu f'xi programm televisiv. Per ezempju l-mara riedet illi ma tersaqx lejn fejn ikun l-esponenti u dan sar 'in full and plain view' tal-gurija. Il-Qorti tordna biex dan iwarrab u jzomm certa distanza minnha waqt l-access. Id-Difisa oggezzjonat ghal dan kollu fl-assenza tal-gurati, pero` l-Qorti esprimiet illi l-gurija ma kienetx ser tigi impressjonata b'dan. Bir-rispett id-Difisa ma taqbilx ma tali konkluzzjoni. Dawn, flimkien ma' cirkostanzi zghar ohra jibnu stampa fejn, tant ikun intlehaq inbena pregudizzju, li l-ebda indirizz ta' imhallef imbaghad ma jkun jista' jnehhi jew inessi. Ripetut kemm jigi ripetut dan il-kliem tal-Qorti."

Kif tajjeb osserva l-appellant l-iskop ta' access huwa sabiex il-gurati jorjentaw ruhhom mal-post. Dan ma jfissirx li ghandu jigi prekluz milli xhieda li jkunu diga` ddeponew, jergghu jiddeponu biex jispjegaw *in situ* s-sekwenza ta' l-avvenimenti li jkunu sehhew billi anke jindikaw il-movimenti taghhom minn post ghall-iehor u jindikaw tali postijiet. Minn ezami tal-verbal ta' l-access jidher li huwa proprju dan li sar. Waqt seduta li saret fl-istess jum, inqara l-verbal ta' l-access u x-xiehda mehuda waqt l-access u gie verbalizzat hekk: **"Il-prosekuzzjoni u d-difiza wara li nqara l-verbal tal-access u tax-xiehda moghtija qablu li dan huwa korrett u jista' jigi registrat fil-process."** Dato ma non concesso – peress illi dan ma jirrizultax mill-verbali – li waqt l-access mart l-appellant ma riditx tersaq

lejn l-appellant u l-Qorti ordnatlu jwarrab u jzomm certa distanza minnha waqt l-access, huwa ovvju illi l-Qorti kellha kull dritt li taghmel dan sabiex tassigura l-bwon ordni u bwon andament ta' l-access. Li wiehed joqghod jipprova jibni argument dwar xi malamministrazzjoni tal-gustizzja minhabba li mart l-appellant ma riditx li tkun vicin zewgha u minhabba li l-Qorti ordnat lill-akkuzat li jzomm certu distanza – anke jekk dan kollu sar quddiem il-gurati – jirrazenta l-fieragh. B'hekk anke dan l-ilment huwa respint.

"E. Fil-kors tal-guri xehdet Rosaline Farrugia, li tigi n-neputija ta' l-esponenti. Fis-sostanza, din ma iddipartietx minn dak li kienet xehdet fl-Istruttorja. Nonostante dan, wiehed seta' jinnota illi bir-rispett, l-Imhallef sedenti kien qieghed jindirizzaha, sew bhala domandi u sew bhala twiddiba, differentement minn xhieda ohra. F'dan l-istadju ta' din it-testimonjanza, id-difisa talbet li tittratta dan il-punt ta' dritt, u dan kif jirrizulta mit-tape recording tal-process. Hu veru illi kull gudikant ghandu l-istil tieghu ta' kif jippresedi guri. Ikun x'ikun dan l-istil, il-gudikant, fl-umili fehma ta l-esponenti, ghandu joqghod ferm attent illi jikkontrolla certa emozzjonijiet, sew f'dak li hu t-ton tal-vuci tieghu, kif ukoll ghal dawk li jistghu jkunu mossi komunement maghrufa bhala 'body language'. Hu veru illi kull imhallef sedenti fl-awla kriminali b'guri, iwissi fl-indirizz lill-gurija illi kwalsiasi osservazzjonijiet jew karatteristici tal-gudikant ghandhom jitwarrbu, u m'ghandhomx ikunu ta' influwenza fuq il-gudizzju taghhom. Bir-rispett pero`, ma hux korrett illi l-ewwel jithallew isiru dawn l-influwenzi, biex imbaghad wiehed jipprova, aktar tard, jikkancella l-istess bil-kliem. Il-bniedem u l-mohh tieghu, ma hux maghmul b'dan il-mod, li facilment inehhi dak li kull jum, fil-kors tal-guri, ikun qieghed jassorbi fih x'imdaqqiet, inkonxjament. L-istess jista' jinghad meta xehdet l-unika xhud in difisa, li tigi oht l-akkuzat. Ma kienx l-ebda bzonn, illi din tigi censurata f'xi haga li kienet qeghda tghid. Pero`, bir-rispett, wiehed jista' jinnota l-mod kif anke kienet qeghda tigi indirizzata mill-Qorti. Il-gurija qeghda hemm biex tghix il-process, tinnota kull ma jkun qed isir, tifli differenzi ta' trattament u tigbed konkluzzjonijiet mill-istess. Hi realta` illi l-gurija korrettement tkun qed tqis lill-gudikant bhala

primus inter pares, u b'dik id-dinjita` u reverenza ta' suggezzjoni. Ghalhekk kull kelma tal-gudikant, kull trattament differenti u kull emozjoni, inkluz anke ton gholi jew ghajjat, jista' jfisser li huma jkunu qed jahsbu li dak li qed imexxi, ikun qed jahsibha b'dak il-mod. Il-kliem u l-mossi, qeghdin hemm biex jigu msarrfa u ghandhom sinjifikat."

Din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tat-tape tax-xiehda ta' Roslynn Farrugia u, frankament, ma sabet xejn irregolari fil-mod kif agixxa l-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-konfront tax-xhud. M'hemm xejn irregolari filli l-Qorti tghid lil xhud li **"suppost li tixhed is-sewwa, is-sewwa kollha u xejn hlief is-sewwa"** u li **"trid taghtina kemm jista' jkun l-istorja li int tiftakar ta' kull ma rajt u osservajt dakinhar"**. Wara kollox dan sar meta l-imsemmija Roslynn Farrugia bdiet tixhed u uzat frazi differenti minn dik li kienet uzat quddiem il-Qorti Istruttorja ("ha naghmlu xi wahda" minflok "ha jaghmel xi wahda") u ghalhekk giet korrettement konfrontata bid-deposizzjoni li hija kienet tat precedentement. Wara li x-xhud dehret li kienet qed issib xi diffikulta` biex tiftakar xi dettalji u wara li kkonfermat li kienet xehdet quddiem il-Qorti Istruttorja, inqratilha d-deposizzjoni taghha mill-gdid, xejn irregolari u, fi kwalunkwe kaz wara d-difiza kellha l-opportunita` taghmel il-kontro-ezami li xtaqet. Anke mir-registrazzjoni tax-xiehda ta' Lourdes Farrugia, din il-Qorti ma setghet issib xejn irregolari fil-kummenti ta' l-ewwel Qorti. Ghalhekk dan l-ilment qieghed jitqies bhala wiehed fieragh.

"F. Meta kien qieghed jixhed l-akkuzat, kien hemm istanzi fejn il-Qorti gibdet l-attenzjoni tax-xhud sabiex ma jkunx repettitiv. Kien hemm partijiet fejn il-Qorti sahansitra waqfet lill-avukat difensur fl-ezami taghha sabiex ma tidholx f'certa materja li fil-fatt il-prosekuzzjoni kienet diga` dahlet meta xehdet Lourdes Falzon. Anke hawn, bir-rispett kollu kien hemm trattament differenti bejn meta xehdet Lourdes Falzon u uliedha, u meta kien qieghed jixhed l-akkuzat. Fl-umili fehma ta' l-esponenti, il-Qorti setghet, anke minghajr ma riedet, tohloq certi pregudizzji fil-konfront ta' l-istess akkuzat. Sal-mument li hu kien tela' jixhed, il-gurija kellha biss qanpiena wahda, qanpiena li

semghet fit-tul u b'kull dettal, sew ta' matul il-hajja matrimonjali u sew ta' l-istadju meta Lourdes Falzon telqet mid-dar konjugali. L-akkuzat ghalhekk ried isemma' l-qanpiena tieghu ukoll. Hu kellu d-dritt illi jidhol f'kull dettal li l-Qorti kienet ippermettiet illi l-partijiet diga` kienu thallew jidhlu fih meta xehdet Lourdes Falzon u uliedha. Bir-rispett, dawn l-interruzzjonijiet ta' l-Imhallef, ma kinux gustifikati u ma kinux konsonanti ma' kif ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni gew trattati. Dan, bir-rispett, seta' holoq sbilanc li kompla juri f'ghajnejn il-gurati, pregudizzju akbar fl-akkuzat."

Mit-traskrizzjoni tax-xiehda ta' l-appellant, din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-ilment huwa wkoll fieragh. L-intromissjonijiet ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri waqt l-ezami ta' l-appellant kienu ftit u ntizi biss biex jirregolaw l-andament tax-xiehda. Per ezempju fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2003 insibu dawn: "Dottoressa taghmilx domandi diretti, issa ghamilt bizzejjed. Id-domandi ma jistghux isiru hekk" (tape 22 side B p. 5); "Jekk ikun ser issaqsih xi domanda Harry x'qallek jew l-iehor x'qallek, irid ikun wiehed minn dawk li inti bi hsiebek ittellaghhom bhala xhud" (tape 24 side A p. 6). Fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2003 fil-bidu tax-xiehda ta' l-appellant l-Imhallef li ppresjeda l-guri jghid: "Kemm jista' jkun ma nirrepetux il-ground li koprejna l-Gimgha. Nafu fejn wasalna, ilkoll ghandna n-notamenti, inkomplu minn fejn wasalna" (tape 23, side B p. 1). U meta l-appellant kien qieghed jirrepeti dak li qal ibnu li jnehhi kunjomu u li jobghodu u li nonostante dan jibqa' jhobbu, l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal: "Ma nirrepetux aktar din il-haga, ghax din giet ripetuta l-ahhar darba nahseb hafna drabi, issa llum qalha xi darbtejn. Jekk jista' jkun noqoghdu fuq il-fatti u ma nirrepetux" (tape 23 side B p. 3). B'daqshekk l-ewwel Qorti zgur ma ghamlet l-ebda irregolarita`. Ghall-kuntrarju l-appellant kellu l-opportunita` li jixhed kemm irid u kif irid, u li jghid dak kollu li xtaq jghid. Ghalhekk dan l-ilment huwa michud.

"G. Meta xehed l-akkuzat, il-prosekuzzjoni talbet tliet konfronti: wiehed ma' mart l-akkuzat, wiehed ma' ibnu, u l-iehor ma' bintu. Hekk kif gew mitluba dawn il-konfronti, il-

Qorti naqset bir-rispett li tara x'kellha xi tghid id-difisa dwar l-istess konfronti. Di piu`, dawn il-konfronti, kienu jirriferixxu ghal incidenti li kienu relatati mar-rapporti illi saru mit-tfal, li, bl-akbar rispett, kif diga` intqal, id-difisa kienet oggezzjonat ghalihom. B'dan il-mod il-prosekuzzjoni thalliet tiehu vantagg doppju minn din is-sitwazzjoni, li fl-umli fehma ta' l-esponenti hi irregolani. Id-difisa hawnhekk, taghmel riferenza ghall-kummenti tal-Qorti li saru quddiem il-gurija."

Waqt il-kontro-ezami ta' l-appellant, il-prosekuzzjoni talbet tliet konfronti.

L-ewwel konfront li ntalab kien ma' Jason Falzon b'referenza ghal xi tghajjir li l-appellant kien allegatament ghamel fil-konfront ta' ibnu ("Inti hara ta' kelb"). L-appellant cahad u qal: "ghidlu jigi quddiemi halli nara dan x'diskors hu". Id-difiza oggezzjonat peress illi sostniet li Jason Falzon ma kienx qal tali diskors. Wara li nstemghet il-parti relevanti tax-xiehda ta' Jason Falzon mnejn irrizulta li kien qal tali diskors, intlaqghet it-talba ghal konfront.

It-tieni konfront li ntalab kien ma' Lourdes Falzon, mart l-appellant u t-tielet ma' bintu Lorraine Falzon. Mill-atti ma jirrizulta li saret ebda oggezzjoni mid-difiza ghal dawn il-konfronti li, wara kollox, huma biss mezz iehor ta' kif isir it-tikxif tal-verita`. Ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi respint ukoll.

**<u>"Interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi"</u>**

L-appellant jippremetti illi l-indirizz kien wiehed preciz u dettaljat in kwantu jirrigwarda l-elementi li jikkostitwixxu d-delitti in dizamina u principji ohra legali tal-kaz. Izda jilmenta dwar xi osservazzjonijiet u kummenti li ghamlet l-ewwel Qorti.

L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn toqghod tispjega x'inhi s-separazzjoni u x'drittijiet taghti l-ligi civili lil mizzewgin li jkunu ghaddejjin minn tali sitwazzjoni stante li mid-domanda li kienet saret minn wiehed mill-gurati lill-appellant jekk kienx jaf li seta'

jissepara minn ma' martu u x'drittijiet kellu, kien evidenti li l-gurija kienet taf tali drittijiet tal-mizzewgin. Hemm imbaghad il-kummenti tal-Qorti dwar ir-rapporti li ghamlu l-bqija tal-familja Falzon kontra l-appellant. Dan kollu, fil-fehma ta' l-appellant, wassal lill-gurija messagg fejn l-appellant ghamel dak li ghamel ghaliex ma kienx qed jaccetta l-istat ta' separazzjoni minn ma' martu u allura ried jitterminalha hajjitha minhabba li ma kienx qed jara l-ebda opportunita` ta' arrangament.

Jghid ukoll li saret wisq enfasi fuq il-mezz uzat f'dan il-kaz, cioe` r-revolver. Skond l-appellant, il-fatt li bniedem ikun armat ma jfissirx necessarjament li jkollu *animus necandi*. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti rrepetiet darbtejn li r-revolver "ma kienx xi toy pistol", izda ma spjegatx li din kienet biss inferenza u li ghalhekk din ic-cirkostanza kellha tittiehed ma' cirkostanzi ohra tal-kaz. L-appellant izid jghid li l-ewwel Qorti ma semmietx illi jekk id-difiza ta' l-agitazzjoni tal-mohh ma tigix accettata, seta' kien hemm biss il-figura ta' l-offiza gravi fuq il-persuna. L-istess ghandu jinghad ghall-enfasi li l-Qorti ghamlet ghall-mod kif ghandu jigi sparat ir-revolver, donnha biex timplika li ma' kull ghafsa tal-grillu, l-appellant seta' kien f'xi armonija tal-hsieb li jirrifletti fuq il-konsegwenza ta' tali att materjali tieghu. Jghid ukoll illi ghalkemm il-prosekuzzjoni semmiet fl-istadju tar-rekwizitorja biss li l-appellant seta' kellu ripensament fl-*iter*, il-Qorti ipproponiet it-tezi li l-appellant seta' kellu intenzjoni *animus nocendi* f'mument ta' xi tiri, u *animus necandi* f'cirkostanzi ta' tiri ohra, kummenti dawn ghal kollox gratuwiti u frott ta' kongettura. Dawn il-kummenti, isostni l-appellant, saru mill-Qorti meta kienet qed tispjega ghaliex, meta l-appellant kien fuq martu meta waqghet, ma sparalhiex xi tiri u huma argumenti li lanqas saru mill-prosekuzzjoni. Skond l-appellant, il-Qorti m'ghandhiex dritt tipprova tinterpreta xi fatti u lanqas tinnewtralizza xi argumenti tad-difiza meta l-prosekuzzjoni lanqas biss tkun hasset il-htiega li taghmel dan fir-replika taghha.

Il-guri f'dan il-kaz dam mis-17 ta' Novembru 2003 sas-26 ta' Novembru 2003. Bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold,**

**Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, para. 7-53 p. 936):

**"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days, would fail to be open to some objection …. Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".**

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi

huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra. Huwa utili jigi riportat hawn dak li qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (**Archbold**, *op. cit.*, para. 4-368, p. 460):

**"It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case. Of course it must include references to the burden of proof and the respective roles of jury and judge. But it should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts."**

Kif intqal, kull indirizz irid ikun bilancjat, u l-kaz tad-difiza ghandu jigi pprezentat b'mod adegwat. Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid[2]:

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on**

2 F'pagni 178 – 180.

**every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.***

**The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury …. The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence …."**

U f'**Blackstone's Criminal Practice 2001, para. D15.16, p. 1448**, naqraw:
**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was**

**absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

Tajjeb ukoll li ssir referenza ghal dak li qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, p. 464 para. 4-376), u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, l-

indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Din il-Qorti ezaminat akkuratament l-indirizz kollu ta' l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti u frankament ma ssib xejn x'tikkritika fl-istess indirizz. L-indirizz huwa wiehed ferm bilancjat u jesponi l-linji difensjonali b'mod dettaljat, u kif osserva tajjeb l-appellant huwa wkoll preciz u dettaljat in kwantu l-elementi li jikkostitwixxu d-delitti in dizamina. Kienet korretta l-ewwel Qorti f'dak li qalet dwar l-aspett legali ta' separazzjoni (p. 21 – 24 ta' l-indirizz) u meta indirizzat lill-gurati biex ma jidhlux fil-kwistjoni ta' min ghandu t-tort tas-separazzjoni (p. 62 ta' l-indirizz). Kienet korretta f'dak li qalet dwar ir-rapporti li saru kontra l-appellant (ara p. 56 ta' l-indirizz u *supra*). M'hemm l-ebda dubju li r-revolver ma kienx "toy pistol". Kienet cara fl-ispjegazzjoni taghha illi wiehed mill-verdetti possibbli kien li l-appellant jinstab hati li kkommetta offiza gravi fuq il-persuna (p. 65 ta' l-indirizz) kif anke jirrizulta mill-verdett kampjun a fol. 165 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali. Bhalma l-ewwel Qorti pprezentat l-argumenti tad-difiza, hija pprezentat ukoll l-argumenti tal-prosekuzzjoni, fosthom li "l-intenzjoni tista' tvarja minn episodju ghal iehor, minn attimu ghal iehor" (p. 34 ta' l-indirizz).

L-ewwel Qorti ma eskludiet bl-ebda mod il-liberta` ta' razjoncinju tal-gurati. Enfasizzat diversi drabi li kienu l-gurati li kellhom jiddeciedu fuq il-fatti, li l-fatti huma dawk li jaccettaw huma u mhux li qalulhom il-prosekuzzjoni jew id-difiza jew l-istess Qorti, u li kellhom jaslu ghad-decizjoni taghhom a bazi ta' konsiderazzjoni tal-provi fl-assjem taghhom. Spjegatilhom il-principji kollha applikabbli, fosthom kif il-piz tal-prova qieghed fuq il-prosekuzzjoni, il-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, il-grad ta' prova li jrid jintlahaq mill-prosekuzzjoni u dak li jrid jintlahaq mill-akkuzat. Enfasizzat li kellhom jiddeciedu b'mod distakkat, bla ebda pregudizzju lejn l-appellant jew lejn il-vittma. Jigifieri l-gurati tqieghdu fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex setghu jaqdu l-funzjoni taghhom skond il-ligi. Barra minn hekk kull kumment li sar mill-ewwel Qorti jridu jitqies li sar fid-dawl ta' l-avvertimenti kontinwi li saru lill-gurati tul il-perkors ta' l-indirizz. Ghalhekk, u fid-dawl tal-brani citati aktar qabel mill-awturi Archbold, Pattenden u Blackstone,

dik il-Qorti kellha kull dritt li taghmel il-kummenti li minnhom qieghed jilmenta l-appellant fil-kuntest li ghamlithom u fid-dawl tal-provi migjuba u tax-xiehda mismugha; u ghalhekk b'dawk il-kummenti u osservazzjonijiet ma saret ebda interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

**<u>"L-esponenti gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kaz"</u>**

L-appellant jghid illi legittimament u ragjonevolment, il-gurija kellha quddiemha stampa illi l-att materjali sar mill-appellant u dan il-fatt gie ammess minn zmien bikri tal-process quddiem il-gurija. Jghid illi ghalhekk il-pern tal-kwistjoni qieghed fl-element intenzjonali tad-delitt, cioe` jekk hux kaz ta' *animus necandi* jew ta' *animus nocendi*. Huwa jargumenta illi l-provi kienu jwasslu ghal offiza gravi fuq il-persuna u mhux tentattiv ta' omicidju volontarju, u li fil-mument tal-kummissjoni tad-delitt huwa kien taht agitazzjoni tal-mohh li minhabba f'hekk ma setax iqis l-ghemil tieghu.

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda fl-atti tal-kumpilazzjoni, ix-xiehda traskritta ta' l-appellant, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, kif ukoll semghet ir-registrazzjoni tat-tape ta' numru ta' xhieda, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-

konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[3].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere.**

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom. Irid jigi

sottolineat illi l-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha.

M'hemmx dubju li s-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant kemm waqt il-guri kif ukoll f'dan l-stadju, kemm individwalment u anke kumulattivament huma ta' sustanza u ghandhom valur argumentattiv qawwi. Il-punt krucjali f'dan il-kaz kien u jibqa' l-istess, u cioe` jekk fil-mumenti tad-delitt migjub kontra tieghu taht l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza – peress illi t-tieni kap huwa ammess – l-appellant kellux *animus necandi* jew *animus nocendi*, u jekk kienx taht agitazzjoni tal-mohh li ma setax iqis l-ghemil tieghu.

Jidher car illi l-gurati, waslu ghal verdett ta' htija dwar l-ewwel kap wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.

Mill-ezami approfondit li ghamlet din il-Qorti tal-provi kollha, hija tal-fehma illi l-gurati setghu fil-fatt legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni minnhom raggunta.

Huwa minnu li c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz jispuntaw minn sitwazzjoni matrimonjali infelici, sitwazzjoni fejn kien zdied mhux biss l-inkwiet bejn l-appellant u martu izda sahansitra bejnu u ibnu u fi zminijiet aktar recenti ma' bintu. L-appellant ma setax jaccetta l-fatt illi l-familja tieghu kienet allontanat ruhha mid-dar matrimonjali u huwa verosimili ghalhekk illi kien iddispjacut u mwegga' – kif isostni diversi drabi – b'din is-sitwazzjoni. Jghid illi anke kellem qassis u social worker biex jirranga s-sitwazzjoni izda kien ghalxejn. B'kuntrast ma' dan pero`, hemm

cirkostanzi li setghu waslu lill-gurati ghall-konkluzjoni raggunta minnhom.

Fl-istqarrija li ghamel l-appellant lill-Pulizija, b'referenza ghall-gurnata ta' l-incident, meta filghodu kien qieghed Wied il-Ghajn fuq ix-xoghol u ra lil martu u bintu ghaddejjin bil-karrozza u jghid li ghamlilhom sinjal biex jieqfu izda ma waqfux, jghid li qal lil siehbu "illum naghmel wahda". Meta lesta mix-xoghol, ipprova jcempel lit-tifla, kif twiegbu tghidlu ma jkellimhiex aktar u taqtaghlu. Ghalhekk mar ghar-revolver li kellu mohbi u "ddecidejt li naghmilhielha ghax kont iddispjacut u rrabjat". Mar biex ifittex lil martu fis-Supermarkets u lemah il-karrozza taghha hdejn ix-Shopwise. Dahal fil-hanut biex ikellimha izda bdiet iddurlu 'l hawn u 'l hemm u hi qaltlu li ma riditx tkellmu. Hareg 'il barra, u meta harget martu saqsiha ghalfejn ma ridux ikellmuh u regghet qaltlu li ma riditx tkellmu. Hi regghet dahlet gewwa, wara ftit harget u marret hdejn il-karrozza taghha, resaq lejha u hi harbet u dak il-hin beda jispara bl-addocc. Jghid: "Iddecidejt li noqtolha ghax ma flahtx aktar."

Fl-istess stqarrija l-appellant qal lill-Pulizija li r-revolver kien ippruvah l-ghalqa xi tliet gimghat qabel u li kien ilu ghandu xi ghaxar snin.

Jghid ukoll illi darba kien irrabjat meta nduna li martu miexja ghas-separazzjoni, mar il-hanut tat-tifla u qallha: "Taf x'naghmel jien? Immur nixtri revolver u nispara l-mummy".

Fl-istess stqarrija gie mistoqsi jekk jiddispaciehx ta' li ghamel izda huwa jwiegeb: "Jiddispjacini ghat-tfal biss u mhux ghaliha."

L-appellant ikkonferma l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti "fl-intier taghha" ghalkemm waqt l-istess xiehda tieghu, kontradittorjament jghid illi "ridt inweggaghhom, nimmankaha izda mhux noqtolha ghal dejjem. Kont naf li jekk noqtolha nwegga'."

Lorraine Falzon tixhed dwar l-okkazjoni meta l-appellant mar il-hanut taghha fil-15 ta’ Jannar 2002 meta sar jaf li kien ser ikun hemm seduta in konnessjoni ma’ proceduri ta’ separazzjoni u tghid: <u>“Halifli fuq il-bank tal-hanut li l-lejla mmur ingib senter u noqtolha lil ommok ghax jiena ma rridx naghmel dawn il-kummidji.”</u>

Jason Falzon jixhed dwar il-15 ta’ Jannar 2002 meta kienu l-Qorti u l-appellant indirizza lil martu u qallha: <u>“Lourdes inti l-kawza tas-separazzjoni zgur li m’intix se titla’ ghaliha ghaliex m’intix se tkun hawn.”</u>

Hemm imbaghad ix-xiehda ta’ l-istess ulied l-appellanti u ta’ Lourdes Falzon dwar incidenti ta’ swat u theddid u xi okkazjonijiet ta’ swat li jammetti l-appellant stess.

Nonostante c-cahda sussegwenti ta’ l-appellant li ried joqtol lil martu, cahda li jirrepeti meta xehed waqt il-guri, il-punti suelenkati kienu sufficjenti biex il-gurati setghu jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kellu verament *animus necandi*. Ta’ min jghid illi din il-Qorti tqis pjuttost inverosimili illi persuna tmur armata b’revolver semplicement biex “twegga’” persuna ohra. Revolver hija arma idoneja biex toqtol – bhalma kien ir-revolver illi l-appellant uza (ara xiehda ta’ l-espert ballistiku) – u l-appellant kien sahansitra ippruvaha ftit gimghat qabel u anke hedded li sejjer joqtol lil Lourdes Falzon f’okkazjonijiet precedenti. Dan seta’ wassal lill-gurati ghalhekk biex jemmnu wkoll illi meta l-appellant wettaq id-delitt ma kienx hemm dik l-agitazzjoni tal-mohh li huwa jippretendi li kellu, anzi li kien hemm element ta’ premeditazzjoni.

**“<u>Piena</u>”**

L-appellant jilmenta illi l-piena kienet wahda eccessiva u ma tirrispekkjax il-fattispecje tal-kaz odjern u lanqas ma hi in lineja mal-pieni moghtija f’kazijiet ohra ta’ tentattiv ta’

omicidju volontarju. Jghid illi fis-sentenza appellata saret enfasi fuq xi kazijiet ta' natura sommarja li l-appellant kellu jwiegeb ghalihom fil-perijodu minn meta l-mara telqet mid-dar konjugali sa meta gara l-kaz in ezami. Jghid li l-fatt li dawn ir-rapporti ngabu a konjizzjoni tal-gurati kien diga` holoq pregudizzju ghalih u issa kkontribwew ghall-piena akbar moghtija lilu. Ghalkemm l-ewwel Qorti qalet li qieset li l-appellant ma jidhirx li hu ta' kondotta kriminali, il-piena nflitta ma tirriflettix dan. Naqset ukoll li tqis il-fatt li kien hu stess li mar jaghti lilu nnifsu f'idejn il-Pulizija u kkoopera maghhom bis-shih. Inoltre ammetta f'mument bikri dak li kellu jammetti u fl-andament ghamel minn kollox biex il-process jithaffef u jitmexxa b'mod spedit.

In materja ta' piena mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Il-piena inflitta mill-ewwel Qorti f'dan il-kaz zgur tidhol fil-parametri tal-ligi. Il-piena ghad-delitt ta' omicidju volontarju hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor. Peress illi hawn si tratta ta' tentattiv a tenur ta' l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9, il-piena tigi mnaqqsa bi grad jew zewg gradi. Jekk tigi mnaqqsa bi grad, il-piena tinzel ghal minimu ta' tmien snin u massimu ta' tletin sena mentri jekk titnaqqas b'zewg gradi tinzel ghal minimu ta' seba' snin u massimu ta' ghoxrin sena.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti qieset dak kollu li kien rilevanti biex tasal ghall-piena minnha nflitta. Kull kaz ghandu l-fattispecje tieghu u ghalhekk inutili li wiehed jipprova jipparaguna l-pieni nflitti f'kazijiet ohra. Il-piena nflitta difatti tirrifletti l-gravita` ta' dan il-kaz. Ir-referenza li l-ewwel Qorti ghamlet ghal kazijiet ohra fejn l-appellant instab hati dwar xi reati fil-konfront ta' martu u ibnu hija f'waqtha. Il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija mhijiex tali li tista' twassal lil din il-Qorti tikkunsidra minimament xi temperament fil-piena. Imbaghad anke kieku giet registrata ammissjoni bikrija, fi kwalunkwe kaz tali ammissjoni mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Basam Mohamed Gaballa** din il-Qorti fissret li *"l-element tad-deterrent generali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha zzomm f'mohha fil-ghoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeci partikolari tal-kaz u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem****)"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-kaz in ezami tali proporzjonalita` tezisti. Inoltre permezz ta' din is-sentenza jrid mill-gdid jitwassal messagg li reati bhal dak in kwistjoni jridu jibqghu jkunu puniti severament.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-26 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Falzon**, b'dan illi l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------